# Il-Ħuttafa

numru 114

Jannar - Frar 2013



Żagħrun

BirdLife Malta

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf




Victor Falzon



# Ħej Ħuttaf !

## editorjal

Għalkemm Malta żgħira, xorta għandna flora u fawna sinjura.

Per eżempju għandna pjanti kważi daqs kemm għandhom l-Ingilterra, pajjiż ħafna ikbar minn tagħna.

Mill-fawna wkoll m'aħniex neqsin. Veru li m'għandniex ċriev u volpi u skwirils bħalma hemm mal-Ewropa kollha, imma jekk inżommu għajnejna miftuħin sew nindunaw li annimali għandna wkoll. Il-problema hi li ħafna minnhom huma żgħar, bħall-insetti, eċċ. u kultant trid tfittixhom biex tinduna li qegħdin quddiem għajnejk!

Waħda mill-iktar għodod importanti tan-naturalist hija l-paċenzja. Jekk m'għandekx din ma tistax tkun naturalist. Imma intom wara kollox membri ta' Klabb Ħuttaf, mela xi ftit jew wisq intom kollha naturalisti!

Fin-natura dejjem hemm x'titgħallem, imma mhux biss. Hemm ukoll x'tiskopri. Għalkemm Malta żgħira u fiha jgħixu ħafna nies, tiskanta kif kultant insibu affarijiet li jkun għadu ma sabhom ħadd! Għad baqa' annimali u pjanti li għadna ma nafux bihom, annimali u pjanti li qed jistennew lil xi ħadd jiskoprihom u jagħtihom isem (araw paġna 3).

Min jaf, forsi xi ħadd minnkom li qed taqraw għad xi darba jsib jew issib pjanta jew annimal ġdid! Taqtgħux qalbkom. Id-dinja tan-natura qed tistenniekom :)

Ċaw ċaw.

Victor

Victor Falzon
l-Editur

Victor Falzon






## mal-faċċata



**Iż-żagħrun** (hawthorn) ma tantx huwa komuni f'Malta. Huwa arbuxxell sabiħ li jwaqqa' weraq fix-xitwa. Jagħmel frott żgħir aħmar, u meta jwaqqa' l-weraq il-frott iktar jispikka, u jagħti dehra sabiħa. L-għasafar jiġġennu għall-frott taż-żagħrun.

Ritratt ta' Desirée Falzon

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Avviżi | 5 |
| Attività | 6 |
| Intervista ma' fjura | 6 |
| Fjuri jew insetti? | 7 |
| Arti | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Natura 2000 | 10 |


## il-Kumitat


### ġenerali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Martin Austad (kap) • Anne-Marie Austad • Chris Cachia Zammit • Nicholas Galea • Timothy Micallef • Steve Zammit Lupi


## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

©BirdLife Malta, Frar 2013
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Aron Tanti




# Sebat elef reqdin!

Kull sena l-BirdLife tagħmel *roost count* taz-zizka bojod. *Roost* hija l-post fejn grupp ta' għasafar jinġabru biex jorqdu. *Roost count* hija meta tgħodd kemm hemm għasafar f'dik ir-roost.

Fil-ħarifa jaslu Malta ħafna zizka bojod. Dawn jieqfu jistrieħu tikka, imbagħad ikomplu l-vjaġġ lejn l-Afrika. Imma mhux kollha jitilqu: skoss minnhom jibqgħu Malta u jgħaddu x-xitwa magħna. Bi nhar jinfirxu mal-kampanja, pjazez, btieħi tal-iskejjel, ifittxu insetti jew xi farka hobż x'jieklu. Imma filgħaxija z-zizka għandhom drawwa ħelwa li jinġabru f'numru kbir biex jorqdu flimkien x'imkien għall-kenn.

F'Malta l-ikbar *roost* taz-zizka bojod qiegħda l-Belt Valletta. Għalhekk fid-19 Jannar 2013, iltaqgħu wara nofsinhar 15-il membru tal-BirdLife u tqassmu madwar is-swar tal-Belt. Ma' nżul ix-xemx iz-zizka bdew deħlin itiru lejn ir-*roost*, u l-membri bdew jgħodduhom. Wara, qabblu n-numri u tellgħu total ta' **7108 zakak abjad**. Dan kien it-tielet l-ikbar total minn kemm il-BirdLife ilha tgħodd iz-zizka.

Grazzi lil seħibna Denis Cachia li organizza din l-attività.

Għal ħafna snin iz-zizka bojod kienu jorqdu dejjem fis-siġar tal-fikus fi Pjazza Assedju, imma fl-2010 xi għaref żabar dawn is-siġar u ġabhom qishom skeletri bi troffa żgħira weraq fuq nett. S'intendi meta waslu z-zizka dik ix-xitwa tħawdu għax ir-roost tagħhom kienet sparixxiet! Imma b'xorti tajba sabu post viċin (wara l-kantuniera!) fi Triq San Ġwann, fejn ukoll hemm xi siġar kbar. Issa tista' tgħid kollha hemm qed jorqdu.




L-iktar li daħlu zizka bojod kien mill-**punent**, **lbiċ**, **nofsinhar** u **majjistral** tal-Belt. Dan jiġri dejjem u r-raġuni hija ovvja: għax matul il-ġurnata z-zizka jinfirxu fil-kampanja jfittxu l-ikel. Għalhekk filgħaxija l-għasafar li jtiru lejn il-Belt jiġu min-naħat fejn hemm l-art. Mit-**tramuntana**, **grigal** u **lvant** ma jiġux għax dawk in-naħat baħar biss hemm, u mix-**xlokk** jidħlu ftit għax dik in-naħa ftit hemm art.

aħbarijiet




Raymond Galea

# Il-Ġganta

L-**orkida kbira** (giant orchid) hija l-ikbar orkida ta' Malta u hija wkoll fost l-iktar rari. Tikber fix-xagħri, u għalkemm minn dan l-ambjent għandna mhux ħażin, ftit ħafna huma l-postijiet fejn hemm roqgħa minn dil-ġmiel ta' fjura. Tiftaħ il-fjuri fix-xitwa, u fir-ritratt taraw waħda li fetħet proprju din ix-xitwa.

Victor Falzon




# Żgħir imma Ġdid

Ftit ilu f'Malta nstabet speċi ġdida ta' annimal. Timmaġinawx xi annimal daqs żiemel... jew daqs kelb... jew daqs dubbiena. Huwa annimal żgħir ħafna jgħidulu akari (bl-Ingliż *mite*) u huwa mill-familja tal-brimb, skorpjuni u qurdien.

X'inhu l-ambjent tiegħu? Widien? Xtut? Xejn minn dan, dan l-annimal jgħix fuq ġisem il-wiżgħa tal-kampanja (moorish gecko)! Anzi jidher li jippreferi jgħix fuq moħħ il-wiżgħa! Mela kemm hu żgħir! Ara, 10 minnhom joqogħdu komdi fuq ras ta' labra!

Dan l-akari mhux talli huwa ġdid u [1]endemiku għal Malta, imma huwa ġdid ukoll għax-xjenza, u għalhekk kien għadu bla isem. Issa semmewh **Akari t'Esther** (Esther's gecko mite *Geckobia estherae*) u ssemma għal Esther Sciberras. Esther għenet ħafna lill-ħabib tagħna Arnold Sciberras fl-iskoperta u r-riċerka ta' dan l-annimal.

Proset Esther, proset Arnold!

[1]**endemiku.** Annimal jew pjanta li ssibhom biss f'post jew reġjun wieħed, u mkien iktar fid-dinja.

**Dawn l-aħbarijiet u anke ta' paġna 4 tajbin biex tużawhom l-iskola fl-Attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)**

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel minn BirdLife Malta u Bank of Valletta, bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Dinja Waħda

BirdLife MALTA

BOV Bank of Valletta








## Għali fil-Mali

Fl-aħbarijiet spiss nisimgħu bil-gwerer, u nisimgħu kemm nies korrew u mietu. Ħwejjeġ tal-waħx. Ħadd però ma jsemmi wkoll kemm annimali jmutu b'riżultat ta' dal-ġlied. Bħalissa hemm l-inkwiet f'pajjiż Afrikan jismu **Mali**. Hemmhekk jgħixu grupp iljunfanti - forsi xi 350 b'kollox - proprju fuq medda art fejn il-Franċiżi qegħdin bħalissa jibbumbardjaw. Mhux biżżejjed għandhom problema bil-kaċċaturi u bin-nixfa tad-deżert. Nisperaw li ma ddumx ma terġa' ssaltan il-paċi fil-Mali.




## Kienu mitejn biss

Kollha smajtu bil-kiwis, dawk l-għasafar strambi ta' **New Zealand**. L-aktar speċi rari fosthom hija r-**rowi**, li fl-1998 kien baqa' inqas minn 200 minnhom. Il-problema kienet li l-flieles tiegħu kienu qed jattakkawhom firien u *stoats* (tip ta' ballottra).

Għalhekk rejnġers mid-Dipartiment tal-Ambjent ta' New Zealand bdew jiġbru l-bajd tar-rowi, ifaqqsuh fil-magħluq u jrabbu l-flieles sakemm jikbru biżżejjed biex jiddefendu ruħhom, imbagħad jitilquhom. Bis-saħħa ta' dal-proġett in-numru ta' rowi llum tela' għal 400.




## Bla firien aħjar

Wara sena jitħabtu, tim ta' esperti rnexxielhom jeħilsu l-gżejjer **Palmyra** (**USA**) minn 30,000 far iswed. Dawn il-firien, li ddaħħlu mill-bniedem xi 70 sena ilu, kienu qed jagħmlu ħerba mill-flora u fawna ta' dan l-[1]atoll, bħal granċijiet, tajr tal-baħar, insetti, anke żrieragħ u pjanti [2]indiġeni u rari. Il-firien kollox kienu qed jieklu!

Issa li Palmyra tbattlet għal kollox mill-firien, in-natura bdiet tirkupra. Per eżempju diġà qed jidhru iktar *fiddler crabs* jiġru max-xtut.






## Sorpriża Sabiħa

Fuq il-fruntiera bejn il-**Bolivja** u l-**Perù** hemm il-Madidi-Tambopata Landscape, biċċa art ikbar minn Sqallija, li fiha l-foresta tropikali hija protetta. Ftit ilu, studjużi ħadu sorpriża sabiħa meta sabu li f'din l-art hemm jgħixu mal-14,500 **lowland tapir**. Dan huwa numru ħafna ikbar ta' tapiri milli kienu qed jobsru, prova ta' kemm jiswew artijiet fejn in-natura tkun protetta mill-ħsarat li jagħmlu n-nies.

Barra tapiri, fil-Madidi hemm ukoll iktar minn 1000 speċi ta' għasafar u 200 speċi ta' mammiferi!







[1]**atoll.** Gżira jew grupp gżejjer baxxi forma ta' kullana madwar roqgħa baħar baxx. L-atolli jiffurmaw minn qroll u ssibhom f'ibħra tropikali.
[2]**indiġenu.** Annimal jew pjanta li minn dejjem kien jgħix f'ċertu post, jiġifieri ma jkunx ġabhom hemm il-bniedem. Huwa l-kontra ta' **aljen**




Ritratt tajjeb li juri tiġieġa tal-baħar (coot) li donnha waqgħetilha sieqha! Imma serrħu raskom ħadd ma weġġa' :) Kif żgur indunajtu hemm *żewġ* għasafar, imma ta' wara għadha kemm għodsot taħt wiċċ l-ilma. Dak kollox!

Ir-ritratt ħadu seħibna Ray Galea fir-riserva naturali tal-Għadira.



## X'nista' nara tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

# Monakella Prima

**Ringed Plover** *Charadrius hiaticula*

Għal min għadu jibda l-berdwoċing, dan l-għasfur jaf joħloq ftit tal-problemi biex tagħrfu fiċ-ċert, għax jixbaħ ferm lill-monakella. Hu ftit ikbar fid-daqs, m'għandux iċ-ċirku isfar madwar għajnejh, il-maskra tal-wiċċ differenti u saqajh oranġjo (tal-monakella roża). Għall-kuntrarju tal-monakella, il-monakella prima qatt ma nafu li bejtet f'Malta.

Il-monakella prima tidher fi żmien il-passa, u r-riserva tal-Għadira u s-Salina huma l-aħjar postijiet fejn tfittixha. Tqatta' x-xitwa fl-Afrika, u titla' fin-naħat ta' fuq tal-Ewropa u tal-Kanada biex tbejjet. Il-bejta tibniha fl-art u ġeneralment fil-miftuħ. Biex ma jagħtix fil-għajn, il-bajd għandu kamuflaxx tajjeb. Ikun safrani b'ħafna tikek suwed u griżi.

L-ambjent tal-monakella prima huwa x-xtut miftuħa minn fejn tnaqqar insetti, dud u krustaċi ċkejknin.




Victor Falzon




U min għadu ma xtrahx iħaffef għax kważi spiċċalna.

It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew mir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.

U ejja man ħollni! Mhix ċajta ta! Jekk jaqbadni l-Editur jiżbranani.

Ħaħħaħħa ħiħħi ħaħħaħħa

# AVVIŻI



## Biex nissendikaw!

Bil-flus li nġabru mill-Mixja Maratona tas-sena l-oħra stajna ngħinu biex inxtraw żewġ televixins flatscreen kbar kif ukoll żewġ kameras tar-ritratti. Dan l-apparat qed narmawh fir-riservi tal-Għadira u s-Simar biex inkunu nistgħu niffilmjaw bil-moħbi l-għasafar fuq il-bejta u nosservawhom mill-bogħod fuq l-iskrin.

Cool hux!

## Kalendarju 2013




Xtrajtuh il-kalendarju l-ġdid tal-BirdLife? Baqa' xi ftit u issa qiegħed **€2**.

Tistgħu tixtruh mill-uffiċċju tal-BirdLife f'Ta' Xbiex jew mir-riservi tal-Għadira u s-Simar. Jew bil-posta billi tibagħtu ċekk ta' €2.30 (pagabbli lil BirdLife Malta) fl-indirizz fuq paġna 2.



attività




# Reġgħet waslet il-Mixja t-Twila

Kif tafu dawk li ilkom membri, f'Marzu ta' kull sena jkollna l-mixja maratona. Dil-mixja nagħmluha l-ewwelnett biex nieħdu gost bin-natura tar-rebbiegħa. Fl-inħawi tad-Dwejra, Binġemma u San Martin hemm koċċ kampanja sabiħa. Għalkemm tikka twila, ir-rotta komda għax tlajja' ma fiha kważi xejn.

Imma dil-mixja nagħmluha wkoll biex niġbru xi ħaġa tal-flus biex nixtru xi apparat għall-BirdLife. Dis-sena ħa niġbru biex nixtru apparat fotovoltajku biex jagħmel l-elettriku mix-xemx u jaħżnu f'batterija. Dan l-apparat ħa nużawh fiċ-ċentru tar-ringing li għandha l-BirdLife fuq Kemmuna.

Data il-Ħadd 24 Marzu 2013
Niltaqgħu 8.30am
Post id-Domus Romana, ir-Rabat
Nispiċċaw xi 1pm
Ġibu x'tieklu u x'tixorbu
Iġġibux tkaken u toqol zejjed!
Merħba *membri, familji u ħbieb

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi u jibqa' magħhom xi ħadd kbir.

Ejjew imxu u gawdu l-kampanja u l-kumpanija.

Narawkom!

Victor Falzon

# Intervista ma' Fjura




Victor Falzon

**X'jismek?**
Jien għandi żewġ ismijiet: qarsu u ħaxixa Ingliża.

**Għaliex jgħidulek qarsu?**
Għax hawn min għandu vizzju jaqtagħni u joqgħod imexmixli z-zokk, li għandu togħma qarsa!

**U għaliex ħaxixa Ingliżi?**
Miniex ċerta. Hemm min jgħid li wasalt Malta mal-wasla tal-Ingliżi u hemm min jgħid li kienet ġabitni Malta waħda Ingliża.

**Ġabitek minn fejn?**
Jien [1]aljena mill-Afrika t'Isfel!

**Possibli? Daqs kemm int komuni!**
Mela xhiex! It-trikk tiegħi hu li mal-għeruq inkabbar bħal basal żgħir li minnu jikbru iżjed pjanti bħali.

**Għandek xi problemi?**
Biex inkun onesta, naħseb iktar jien qed inkun problema għal pjanti oħrajn!

**X'affarijiet dawn! Għaliex?**
Ħeqq, għax tant nifrex u niksi kullimkien li ma tantx inħalli post għal fjuri oħrajn. Imnalla ngħix ftit xhur biss, għax kieku Malta foresta sħiħa ta' qarsu tkun!

**Ħeħe allaħares! Ċaw u saħħa.**
Ċaw ħi, take care.

[1]**Aljen.** Annimal jew pjanta li ma jkunx tal-post imma jkun iddaħħal minn art jew reġjun ieħor.

# Fjuri jew insetti?

Mal-ewwel daqqa t'għajn forsi taħsibhom naħla jew ħanfusa fuq fjura. Imma mbagħad tersaq biex tiflihom aħjar u tinduna li kollha huma fjuri! Kos, anke l-fjuri jidħqu bina kultant. Mhux biss, imma fin-natura dawn il-fjuri jidħqu anke bl-insetti stess!

**Merħba fid-dinja tal-orkidi!**

F'Malta għandna mat-30 speċi ta' orkidi, u dawn t'hawnhekk huma sitta minnhom. Biex jiġbdu l-insetti lejhom, waħda mill-petali ta' dawn il-fjuri tkun qisha insett. Din jarawha insetti ta' vera u jaħsbu li fuq il-fjura hemm naħla. L-insetti jinżlu fuq dawn il-petali biex jinnamraw mal-'insett', li ma jkun insett xejn! U bla ma jafu jdakkru l-fjura.




**Brimba Sewda ta' Malta**
Maltese spider orchid







**Żunżana**
yellow bee orchid










**Naħla**
bumblebee orchid







**Brimba Sewda**
early spider orchid




**Dubbiena Kaħla**
mirror orchid










**Dubbiena**
brown orchid

arti

# Agħti kulur




Victor Falzon





Ibagħtulna tpinġija u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kultivati) ħalli nġibuhomlkom f'dil-paġna. Basta jkunu xogħol veru tagħkom. Tistgħu tibagħtuhom jew bil-posta jew imejl.

**indirizz**
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**

**imejl**
**il-huttafa@birdlifemalta.org**

*Materjal li tibagħtulna bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuhulkom lura.

Fix-xitwa jidħol ħafna gawwi idur fil-Port il-Kbir u ta' Marsamxett. Spiss ipoġġu wkoll fuq dgħajjes u bagi. Bi ftit paċenzja tista' tiġbdilhom ritratti tajbin, speċjalment jekk għandek kamera b'żum. Postijiet bħal Ta' Xbiex u l-Pietà tajbin biex tipprovalhom. Good luck.





**Gawwija Rasha Kannella**
Francesco Tanti (5)

## ARTITASKYA

Kartun ieħor ta'
***Askya Pizzuto***
(17)



**Gawwija Prima**

Ħeħe f'dil-paġna l-gawwija prima għandha kartun u faċċata għandha ritratt.



Sivie Cauchi

**20 Jannar 2013.** Ritratt tal-membri li marru l-ħarġa tal-Klabb għall-Munxar. Kienet mixja ħelwa u gawdejna ftit beraħ u veduti tas-sisien bojod ilellxu li hemm f'dawk l-inħawi. Grazzi lil-Leaders Janet, Lucienne, Sivie u Tonio.



Xtaqt immur imma kelli x'nagħmel dakinhar...

Tigdibx. Rieqed u tonħor kont, ja xkora għażż!






# Ħbieb żgħażagħ!

Ftit ġranet ilu kellna l-ewwel attività tal-Falko, u nista' ngħid li morna tajjeb. It-temp kien perfett u għalkemm konna grupp żgħir, xorta ħadna ħafna gost matul il-mixja fil-Majjistral. Osservajna xi għasafar ukoll fosthom **merill**, **bufula ħamra**, **buċaqq tax-xitwa**, **alwetta** u **psiepes**.

Issa li r-rebbiegħa qed toqrob ħsibna għal żewġ ħargiet oħra. Kif tafu, ħafna speċi tal-għasafar ipassu f'dawn ix-xhur u numru sabiħ minnhom iqattgħu xi ftit żmien fil-gżejjer tagħna. Uħud anki jibqgħu magħna biex ibejtu. Għalhekk żgur ħa jkollna varjetà kbira u interessanti ta' dawn l-għasafar x'naraw.

Nixtieq ukoll ngħaddilkom messaġġ qasir. Kultant niltaqa' ma' żgħażagħ interessati fin-natura u jkollhom xewqa li jibdew jitgħallmu iżjed fuqha. Minn esperjenzi personali naf li biex isseħħ dix-xewqa mhux biss trid iż-żmien, imma hemm bżonn li tagħmilha m'oħrajn li għandhom iżjed esperjenza fl-istess passatemp, fil-kas tagħna fil-berdwoċing. Mingħajr teamwork diffiċli tagħraf kemm huwa speċjali u sabiħ l-ambjent naturali tagħna. Il-Falko qed tagħti l-opportunità biex minn żogħżitkom titgħallmu tiskopru u tipproteġu n-natura ma' persuni responsabbli ta' mparkom.

Narakom!



*Timothy*
**Timothy Micallef**
Leader

**Falko** hija t-taqsima għaż-żgħażagħ ta' Klabb Ħuttaf. Il-membri li għandhom 13-il sena jew iktar awtomatikament isiru membri fil-Falko. Għalihom il-Falko torganizza attivitajiet apposta, li jitħabbru f'din il-paġna.

## Mixja l-Qammieħ



**Il-gawwija prima tbejjet fuq Filfla, imma tidher madwar ix-xtut ta' Malta kollha**
Ritratt ta' Chris Cachia Zammit, wieħed mil-Leaders tal-Falko

Il-Qammieħ qiegħed ħdejn il-ponta ta' fuq ta' Malta. Biex naslu hemm ħa ngħaddu minn Foresta 2000, minn ħdejn it-Torri l-Aħmar u mbagħad nimxu fl-inħawi tal-Qammieħ stess. Minbarra xi għasafar xitwin, għandna naraw ukoll xi **gawwija prima** u forsi anki l-ewwel għasafar tal-passa, bħad-**daqquqa tat-toppu** u xi **borok** li jpassu qrib il-Ponta tal-Qammieħ. U minn hemm fuq nitpaxxew b'veduti mill-isbaħ.

Data: **Is-Sibt 16 Marzu 2013**
Niltaqgħu: 9am ħdejn l-għassa tal-Għadira
Nispiċċaw: iċ-Ċirkewwa f'xi 1pm jew 2pm.
Ġibu ikel, xorb, żarbun għall-mixi, tromba jekk għandkom (jekk le nisselfu bejnietna).
Età: 13+




# Ġurnata fuq Kemmuna

Aron Tanti

F'April ser inbakkru kmieni u naqbdu l-lanċa lejn Kemmuna. Minbarra l-mixjiet sbieħ li bi ħsiebna nagħmlu, żgur li naraw ħafna għasafar. F'dawk il-ġimgħat, fuq Kemmuna l-BirdLife tkun għaddejja bi studju bir-ringing. Dan isir f'ċentru żgħir li għandha f'Wied L-Aħmar fuq dil-gżira. Għalhekk ma jonqosx li naqbżu qabża s'hemm ukoll ħalli naraw kif isir ir-ringing u ħalli r-ringers jispjegawlna l-importanza ta' dan l-istudju xjentifiku. Niżgurawkom li esperjenza unika. Titilfuhiex!

Data
**Is-Sibt 20 April 2013**
Niltaqgħu
7.15am fit-terminus taċ-Ċirkewwa. Tkunux tard għax il-lanċa mhux ser tistenniena!
Lura ċ-Ċirkewwa
Tard wara nofsinhar
Ġibu ikel, xorb, żarbun għall-mixi, tromba u kamera jekk għandkom
Età: 13+

Kull min ikun ġej attività Falko għandu jibgħat email fuq **falkoblm@gmail.com** jew iċempel **99214143 / 99809190.** Jekk ikollkom xi mistoqsija ikkuntattjawna wkoll, nieħdu gost nisimgħu mingħandkom.




# Kemmuna

Elisabeth Conrad

**Fejn hi?**
Kemmuna hija l-gżira żgħira li hemm bejn Malta u Għawdex. Hija t-tielet l-ikbar gżira fost il-Gzejjer Maltin.

F'din il-ħarġa se nagħtu ħarsa lejn Kemmuna, gżira li fiha biss xi 2.76 km$^2$ u popolazzjoni ta' xi erba' persuni biss. Ħafna minna forsi ma tantx nagħtuha importanza, ħlief biex immorru ngħumu għawma hemm fis-sajf. Minkejja d-daqs żgħir tagħha, però, Kemmuna għandha ħafna x'toffri!

## Blat u forom

Nibdew ftit bil-ġeomorfoloġija, jiġifieri l-forom differenti tal-blat. Il-kosta ta' Kemmuna tipprovdi varjetà ta' ġeomorfoloġija, inkluż rdum, sisien, għerien, u ħafna elementi tipiċi tal-[1]karst fuq meded ta' xagħri. Insibu wkoll sistemi ta' widien, fosthom uħud li jgħidulhom rias. Rias huma widien li ffurmaw fl-antik minn xmajjar, u li parti minnhom illum tinstab taħt il-baħar. Dan jiġri jew għax ikun għola l-livell tal-baħar jew għax ikun niżel il-livell tal-art (per eżempju b'xi terremot). Kemmuna għandha wkoll diversi bajjiet u anke roqgħa żgħira [2]għaram tar-ramel.

## Flora u fawna

Fost din il-ġeomorfoloġija nsibu diversi speċi interessanti ta' flora, kollha addatti għal ambjenti partikolari differenti li jipprovdu dawn il-forom tal-blat. Fix-xatt, per eżempju, insibu speċi bħax-**xorbett** u l-**limonju ta' Malta**. Fuq l-irdum u s-sisien insibu speċi bħall-**kappar** u x-**xebb**. Fuq l-għaram tar-ramel insibu l-**kromb il-baħar** u l-**pankrazju**.

Anke fejn tidħol il-fawna nsibu ħafna speċi ta' interess, inkluż speċi li huma rari f'postijiet oħra f'Malta. Per eżempju fuq Kemmuna jgħixu 23 speċi ta' molluski tal-art. Dan huwa numru kbir meta tqis li fil-Gżejjer Maltin għandna b'kollox xi 70 speċi!

Kemmuna importanti ħafna wkoll għall-għasafar, b'tajr tal-baħar bħaċ-**ċiefa** u l-**garnija**, kif ukoll għasafar bħall-**merill** u l-**bilbla**, li lkoll ibejtu hemmhekk. Waqt il-passa tal-għasafar Kemmuna toffri kenn lil diversi għasafar għajjenin biex jieqfu jistrieħu hemmhekk waqt il-vjaġġ twil tagħhom. Fost dawn ikun hemm id-**daqquqa tat-toppu**, il-**bagħdan aħmar** u ħafna **buful** u **bekkafiki**. Fil-fatt fir-rebbiegħa Kemmuna hija post eċċellenti minn fejn wieħed josserva l-passa tal-għasafar. Fuq Kemmuna ma tistax issir kaċċa għax hija santwarju tal-għasafar. Kemmuna hija wkoll sit Natura 2000.

Natura 2000 huma sensiela ta' postijiet madwar l-Ewropa fejn in-natura hija protetta. Hemm iktar minn 26,000 sit Natura 2000, u bejniethom jiksu kważi 20% tal-Ewropa.






BirdLife Malta Maps




## Storja u bini

Imma Kemmuna mhux għan-natura biss importanti. M'għandniex spazju hawn biex nitkellmu wisq fuq l-istorja ta' din il-gżira, imma nsemmu biss xi punti ta' interess, per eżempju l-**Kappella ta' Santa Marija** ħdejn il-Qala ta' Santa Marija. Din inbniet fil-[3]Medjuevu imma ħadd ma jaf sew meta. Żgur però li hija fost l-eqdem fil-Gżejjer Maltin.

Fl-1618 il-Kavallieri bnew it-**Torri ta' Santa Marija**, li permezz tiegħu Kemmuna u l-[4]fliegi bejn Malta u Għawdex setgħu jiġu mgħassa aħjar kontra l-pirati. Fi żmien il-Franċiżi Kemmuna ntużat ukoll bħala ħabs.

Fuq Kemmuna hemm ukoll **sptar qadim**, [5]**batterija antika** (1716), ċimiterju, għassa tal-pulizija, lukanda u xi djar. Ma nistgħux ma nsemmux ukoll diversi xogħlijiet mill-bniedem - fi żmien iktar riċenti - li għamlu ħsara lill-ambjent naturali ta' Kemmuna. Per eżempju hemm razzett ikrah tal-majjali, li kien inbena mingħajr l-iċken ħsieb għall-ambjent ta' madwaru. Illum ilu s-snin mitluq, imma xorta għadu jkerrah.

Hekk kif tibda dieħla r-rebbiegħa ftit ġimgħat oħra, nissuġġerilkom li żżuru din il-gżira żgħira imma tassew interessanti!




[1]**karst.** Tip ta' ambjent bi blat mikxuf u mħaffer u mfellel mill-elementi. Bħax-xagħri.
[2]**għaram tar-ramel.** Munzelli naturali tar-ramel, bl-Ingliż *sand dunes*.
[3]**Medjuevu.** Żmien fl-istorja bejn wieħed u ieħor mis-Seklu Tnax sas-Seklu Sittax.
[4]**fliegu.** Medda dejqa ta' baħar bejn żewġ artijiet, bl-Ingliż *channel*.
[5]**batterija.** Fortizza żgħira b'sur baxx u xi kanuni. F'Malta għandna diversi batteriji minn ta' żmien il-Kavallieri, ħafna minnhom max-xatt.





Victor Falzon

Ix-**xebb** (Maltese salt-tree) tikber l-iktar mas-sisien u l-irdumijiet. Hija pjanta endemika għal Malta.


Joe Sultana

Il-**bilbla** (short-toed lark) tħobb ambjent miftuħ mingħajr siġar. Fuq Kemmuna hemm ħafna minn dan it-tip ta' ambjent u fil-fatt hemmhekk ibejtu iktar minn 20 par bliebel. Il-bilbla tibni l-bejta fl-art qalb ġebel u ħaxix niexef.


Denis Cachia

Dan huwa ċ-**ċentru żgħir** li għandha l-BirdLife f'Wied l-Aħmar fuq Kemmuna. Huwa post daqs nitfa imma jservi ta' bażi għar-ringers li darbtejn fis-sena jitilgħu jistudjaw l-għasafar permezz tar-ringing. Dal-proġett ilu sejjer iktar minn 20 sena.





# aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont u rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'. Ġenituri, nanniet, tuturi jew rappreżentanti legali jistgħu jiftħu dan il-kont biex iġemmgħu għal tfal żgħar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**
**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

BOV
Bank of Valletta